**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 1 ta' Gunju 2001**

**Numru** **22**
**Citaz. Nru.** **3247/96 FDP**

**Martin Navarro**
**Vs**
**Joseph Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gietipprezentata fil-15 ta' Novembru 1996, fejn gie premess:-

Illi l-attur permezz ta' skrittura privata tal-15 ta' Ottubru 1992 ghadda t-tmexxija tal-hanut tal-grocer Melita Mini Market, 4, Archbishop Gonzi Square, Kalkara lill-konvenut ghas-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000);

Illi fl-istess skrittura privata l-partijiet ftehmu li jaghmlu l-konteggi ta' l-istock li kien hemm nhar is-Sibt 24 ta' Ottubru 1992 u li l-

konvenut kellu jhallas lill-attur il-prezz ta' l-oggetti kif jinbiegh lil tal-hanut;

Illi l-partijiet iltaqghu kif kien miftiehem u ftehmu li l-oggetti jammontaw ghal tlett elef seba’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm3720) li minnu ftehmu ukoll, kellu jigi mnaqqas tlettax fil-mija (13%);

Illi l-konvenut hallas is-somma ta' sebat elef mitejn u hamsin lira Maltin (Lm7250) liema ammont ikopri s-sitt elef lira Maltin (Lm6000) u parti mill-ammont ta' l-istock li kien hemm fil-hanut;

Illi l-konvenut irrifjuta li jhallas il-bilanc ta' elf seba’ mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm1739);

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-ammont ta' elf seba’ mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm1739) hu dovut mill-konvenut lill-attur hbala bilanc ta' prezz tal-bejgh ta' oggetti li kienu jinsabu fil-hanut Melita Mini Market fl-24 ta' Ottubru 1992;

2. Tikkundanna lill-konvenut ghalhekk ihallas l-ammont ta' elf seba’ mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm1739) lill-attur;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru 1996 u bl-imghax u b'riserva ghall-azzjoni ghad-danni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda indikati, u l-elenku tad-dokumenti minnu esebti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-16 ta' Gunju 1997 fejn gie eccepit:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante l-inkompetenza *ratione valoris* ta' din l-Onorabbli Qorti peress li l-bilanc tad-debitu dovut huwa limitat ghal Lm725 u cioe` Lm625 bhala bilanc ta' prezz tat-trasferiment u Lm100 bhala bilanc ta' l-istock u dan skond ir-ricevuti annessi man-nota ta' l-eccezzjonijiet;

2. Illi t-twellija tal-fond in kwistjoni sar permezz ta' skrittura tal-15 ta' Ottubru 1992 Dok B, fejn il-prezz tat-trasferiment kien jammonta ghal Lm6000 bla imghaxijiet oltre l-istock li kien jammonta ghal Lm3100 bla imghaxijiet u dan kif jirrizulta minn Dok C;

3. Illi skond ir-ricevuti anessi man-nota ta' l-eccezzjonijiet u mmarkati Dok D sa X, il-konvenut hallas akkont tas-somma ta' Lm9100 is-somma ta' Lm8375 biex b'hekk il-bilanc dovut jammonta ghal Lm725 u cioe` Lm625 bhala prezz tat-trasferiment u Lm100 bhala bilanc ta' l-istock u ghalhekk stante l-inkompetenza *ratione valoris* il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, il-lista tax-xhieda minnu indikati, u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-noti tas-sottomissjonijet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi mill-iskrittura privata li saret bejn il-partijiet fil-15 ta' Ottubru 1992 jirrizulta li l-attur ittrasferixxa l-avvjament tal-hanut grocer bl-isem Melita Mini Market, 4 Archbishop Gonzi Square, Kalkara, ghall-ammont ta' Lm6000. Il-konvenut kellu jhallas Lm3000 l-ghada u l-bilanc jithallas b'pagamenti mensili ta' Lm125 b'dan li l-ewwel pagament isir fit-30 ta' Novembru 1992. Fl-ahhar paragrafu ta' l-iskrittura gie dikjarat li l-partijiet kellhom jiltaqghu il-gimgha ta' wara sabiex isir l-istock-taking u gie miftiehem li l-konvenut kellu jhallas lill-attur il-prezz ta' l-oggetti kif jinbieghu lill-hanut. Kellha tigi ffirmata dikjarazzjoni tal-valur ta' l-istock b'dan li dan jithallas b'pagamenti mensili;

Illi din id-dikjarazzjoni imsemmija qatt ma giet esebita. Fil-fatt tezisti diskrepanza bejn dak li l-attur jallega kellu jithallas ta' l-istock u dak li l-konvenut jghid li kellu jhallas ta' l-istock. L-attur jallega li ftehmu fuq Lm3720, li minnhom kellhom jitnaqqsu 13% (u ghalhekk Lm3236.40)

filwaqt li l-konvenut jghid li kellu jhallas Lm3100. Il-Qorti in assenza ta' dikjarazzjoni bil-miktub dwar dan il-punt, u ta' xi xhieda ohra, ser toqghod fuq il-Profit & Loss Account tal-konvenut, esebit a fol 12, fejn il-valur ta' l-opening stock tnizzel bhala Lm3100; Jigi rilevat li dan id-dokument kien gie redatt minn qabel il-prezentata tac-citazzjoni u allura ghandu jinghata l-kredibilita` opportuna;

Illi ghalkemm l-attur ippremetta illi l-konvenut hallas biss Lm7250, mill-ircevuti esebiti jirrizulta li l-konvenut hallas Lm3000 fid-29 ta' Ottubru 1992 (gimghatejn wara li saret l-iskrittura) u ghamel diversi pagamenti mensili ta' Lm125 pjuttost regolari mill-1 ta' Dicembru 1992 sat-30 ta' Gunju 1996, li b'kollox jammontaw ghal Lm5375. Ghalhekk jirrizulta li sad-data tac-citazzjoni, il-konvenut kien hallas Lm8375 [1]. Il-Qorti qed tikkalkula li s-somma totali li kellu jhallas kienet ta' Lm9100 (Lm6000 + Lm3100). Ghalhekk il-Qorti tikkalkula li kien ghad fadallu jhallas Lm725, ghalkemm skond l-attur il-bilanc kien ta' Lm1739; din id-diskrepanza tidher li rrizultat mill-allegazzjoni ta' l-attur li kienu dovut interessi;

Illi fl-ewwel eccezzjoni giet eccepita l-inkompetenza tal-Qorti *ratione valoris*. Il-punt kollu jirrigwarda jekk kellux jithallas imghax jew le. Il-konvenut jidhirlu li m'ghandux ihallas imghax fuq l-ammont li hallas f'pagamenti rateali filwaqt li l-attur jinsisti li dan ghandu jigi kkalkulat. Il-Qorti minn ezami ta' l-iskrittura privata a fol 5 ma tarax li kien hemm xi ftehim

[1] Fil-mori tal-kawza, u cioe` f'Mejju 1998 il-konvenut hallas Lm725.

f'dan is-sens. Semplicment gie dikjarat li Lm3000 mis-Lm6000 kellhom jithallsu l-ghada u t-Lm3000 l-ohra kellhom jithallsu f'pagamenti ta' Lm125 fix-xahar. Fir-rigward ta' l-istock, meta saret l-iskrittura imsemmija, l-istock taking kien ghadu ma sarx izda gie miftiehem li l-valur tieghu jithallas b'pagamenti mensili. (Ghalkemm ma jirrizultax li sar xi ftehim dwar kemm kellu jkun l-ammont ta’ kull pagament mensili fir-rigward ta’ l-istock, il-Qorti tosserva li l-konvenut baqa’ ghaddej bil-pagamenti mensili ta’ Lm125 anke wara li qata’ l-ammont ta’ Lm6000 rapprezentanti l-valur tat-trasferiment ta’ l-avvjament liema pagamenti dejjem gew accettati u dan kif jidher mill-ircevuta esebiti.) Ma saret ebda riferenza ghal xi imghax rigward il-hlas tal-valur ta' l-istock;

Illi l-ftehim kien sempliciment li l-bilanc tat-Lm3000 fir-rigward tat-trasferiment kif ukoll l-ammont miftiehem fuq il-valur ta’ l-istock kellhom isiru f’pagamenti rateali; l-interessi ovvjament jibdew jiddekorru mid-data ta’ meta l-pagamenti jkunu dovuti u dan minghajr il-htiega ta’ interpellazzjoni gudizzjarja;

Illi l-konvenut ghamel l-ahhar pagament mensili tieghu f' Gunju 1996, u cioe` wara li kien hallas b'kollox Lm8375. Skond artiklu 1141(1) tal-Kodici Civili, meta obbligazzjoni tkun ta' natura kummercjali (bhal ma kienet is-sitwazzjoni odjerna) l-imghax jghaddi mid-data li fiha l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita. Il-Qorti tosserva illi skond l-iskrittura, l-ewwel pagamenti mensili kellu jigi effettwat fit-30 ta' Novembru 1992, u allura ikkalkulat illi l-bilanc

tat-trasferiment ta' l-avvjament (Lm3000) u l-valur ta' l-istock (Lm3100) kellhom ikunu mhallsa kollha fi zmien 49 xahar (48-il pagament ta' Lm125 [Lm6000] + pagament wiehed ta' Lm100), u cioe` sa l-ahhar ta' Novembru 1996. Ic-citazzjoni odjerna saret fil-15 ta' Novembru 1996 meta kienu dovuti 5 pagamenti ta' Lm125-il wiehed, u cioe` Lm625 u xi haga zghira ta' l-imghax fuqhom. (Il-kumplament tas-somma, u cioe` Lm100 kienet ghadha mhux dovuta sad-data tac-citazzjoni);

Illi l-Qorti tirreferi ghal artiklu 22 ta' l-Att XXIV ta' l-1995, li huwa l-Att li jemenda l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li permezz tieghu l-kompetenza tal-Qrati Inferjuri giet awmentata minn Lm250 ghal Lm1000. Dan l-artiklu gie fis-sehh fl-1 ta' Lulju 1996 permezz ta' l-Avviz Legali numru 105 ta' l-1996;

Illi l-kawza odjerna giet intavolata fil-15 ta' Novembru 1996; ghalhekk l-ewwel eccezzjoni dwar l-inkompetenza tal-Qorti *ratione valoris* hija fondata.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

Tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tichad it-talba attrici.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur